**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 217 / 2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Ian Abdilla**

**illum Assistent Kummissarju)**

**Vs**

**Reuben Micallef**

Illum, 23 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Reuben Micallef detentur tal-karta ta' l-identita 134274 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' Marzu 2007,u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer kif wkoll barra minn dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar (u cioe' flimkien ma' David Coleiro u ma' Raymond Debono) bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali (u cioe' frodi ghad-dannu ta' Raymond Briffa) li ghalihom jista' jehel l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A (1), u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, appartjenejt ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A (2), u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Nakkuza lil Reuben Micallef wkoll talli f' Marzu 2007 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

3. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwru bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.);
5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Audio li jinstab San Gwann; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
6. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-

ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b′ qerq ta′ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Strand Electronics Limited li jinstab l-Msida; (Dan bi ksur ta′ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta);

7. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b′ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b′ qerq ta′ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment KVH Computers li jinstab ir-Rabat; (Dan bi ksur ta′ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta);
8. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b′ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b′ qerq ta′ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Vision 2000 li jinstab Hal-Ghaxaq; (Dan bi ksur ta′ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta);
9. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b′ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b′ qerq ta′ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Infomate Limited/Isecure Limited li jinstab l-Msida; (Dan bi ksur ta′ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta);
10. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b′ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′

krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Intercomp li jinstab l-Marsa; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

11. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment A to Z Electronics Limited li jinstab l-Msida; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
12. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment New Millenium Computer Superstore li jinstab Birkirkara; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
13. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Forestals (Appliances) Limited/FGL Information Technology Limited li jinstab Tas-Sliema; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
14. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-

ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b′ qerq ta′ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Panta Computers Limited li jinstab l-Msida; (Dan bi ksur ta′ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta);

15. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b′ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b′ qerq ta′ anqas minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Datax Computer Centre li jinstab Ta′ Xbiex; (Dan bi ksur ta′ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta′ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f′ kaz ta′ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta′ spejjez li jkollhom x′ jaqsmu mal-hatra ta′ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 t′ Ottubru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 83 a (1), 83 a (2), 83 a (5), 293, 294, 308, 309, 310, 532 a, 532 b u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet u iddikjarat lill-imputat Reuben Micallef mhux hati tal-imputazzjonijiet bin-numri (4), (5), (6), (8), (10), (13), (14) u (15) u minnhom illiberatu skond il-ligi; izda sabithu u iddikjaratu hati tal-imputazzjonijiet bin-numri (1), (2), (3), (7), (9), (11) u (12) u ikkundannatu komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` hames (5) snin.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 532 A tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, il-Qorti ordnat lill-hati Reuben Micallef ihallas lill-vittmi kollha ta` dan il-kaz kull bilanc li ghadu lilhom dovut, mertu f′ din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Reuben Micallef minnu pprezentat fit-22 t' Ottubru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti sabiet htija fl-appellant u illiberat lill-appellant pero ikkancella din il-parti fejn sabiet htija u minnflokk taghti peina aktar ekwa u gusta skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u inter alia fost l-aggravji minnju sollevati talab li din il-Qorti tikkonverti ruha f'Qorti ta Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijeit ta' Malta

Ratdak verbalizzat min Dr Noel Bianco ghan nomtal-appellant fis-eduta tal-5 ta Jannar 2021 ejn obbliga ruhu li jipprezenta nota fejnjindika lil Qorti l-piena applikabbli ghal kul ret li bihom l-appellant gie akkzuat u dan sbaeix jekk hemm xi ret li l-piena tieghu teccedi s-seba snin ikun l-istess appellant li jirtira t-talba tieghu.

Rat in-nota tal-appellant prezentata fir-registru ta din l-Onroabbli Qorti nhar il-15 ta frar 2021 fej nstqarr li l-Artiolu 8(1) tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta jitkellem dwar reat li ghalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' (7) snin prigunerija. Qal li f'dan il-kaz l-appellant gja instab hati ta' numru ta' akkuzi u inghata piena ta' hames (5) snin prigunerija fuq ir-reati kollha li hu gie mixli bihom u minn din is-sentenza ta' l-ewwel Qorti l-Avukat Generali ma intavola l-ebda appell. Ghalhekk sostna li la l-appellant ma jistax jinghata piena ta' aktar minn hames snin l-Artikolu 8 (1) tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta ghandu japplika ghalih. Ikkonkluda li dan l-Artikolu tal-ligi ghandu jigi interpretat b'mod wiesgha sabiex persuna tkun tista tibbenefika mill-ligi.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2021 fejn Dr Caruana ghan nom tal-Avukat Generali iddikjarat li irceviet in-nota tal-appellant prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Frar, 2021 u stqarret li l-appellant ma jistax jibbenfika mill-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta stante li hemm akkuzi fejn il-piena applikabbli teccedi s-sebgha snin u ghalhekk din il-Qorti hija projbita mill-ligi li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga. Hija insistiet li l-ligi tipprovi li din il-Qorti trid tara mhux kemm inghata piena mill-ewwel Qorti izda l-piena hija applikabbli ghar-reat kif dispost fil-kodici penali.

Semghet ill-partijiet jittrattaw l-mertu ta dan ir-rikors.

Ikkunsidrat.

Fl-ewwel lok jinghad li l-appellant ma aderiex ruhu ma dak li kien gie verbalizzat fis-seduta tal-5 ta' Jannar, 2021 u cioe' li kellu jindika x kienet il-piena applikabbli ghal kul reat li gie akkuzat bih l-appellant u mhux jghamel referenza ghall-ewwel Qorti fejn gie ikkundannat piena ta' hames (5) snin prigunerija. Cio nonnostante din il-qorti sejra titratta ma din it-talba kif maghmula fir-rirkos tal-appell tieghu.

Din il-Qorti ezaminat dak li jipprovdi l-**artikolu 8 (1) tal-kapitolu 537** tal-ligijeit ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti li jipprovdi s-segwenti:-

> 8. (1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew* ***hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija***[1] *, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jghamel talba quddiem din il-Qorti u cioe' sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisfatti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' (7) snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe

[1] Enfasi ta din l-Onroabbli Qorti

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*
*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija, ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*
*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

Illi pero' din il-Qorti ma tistax tara jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati adadebtati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija.
Din il-Qorti taghmel referenza gha-digireti moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Stehpen Borg</u>**[2] u **<u>Pulizija vs Roderick Zahra et</u>**[3] fejn il-qorti spjegat kif ghandu jigi interpretat is-sub inciz (1) tal-Artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta sakemm ikun hemm intervent legislattiv jekk il-legislatur huwa tal-fehma li it-tifsira li qed tinghata mill-Qorti hija wahda zbaljata u ma tirriflettix l-intensjoni tal-legislatur.
Illi fil-kaz in esami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti imorru hafna oltre is-sebgha (7) snin prigunerija imsemmija fis-sub inciz (1) tal-Artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta minkejja li l-ewwwel Qorti ikundannatu ghal hames (5) snin prigunerija dwar l-akkuzi li sabitu hati taghhom.
Il-Ligi ma titkellimx li l-akkuzat ma jistax jinsab hati ta' piena oltre s-sebgha snin prigunerija izda tghid li r-reati li bihom gie akkzuat l-appellant m' ghandhomx

[2] Deciz minn din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta lulju 2019
[3] Deciz minn din l-Onorabbli Qorti fit-12 ta NOVembru 2019

jeccedu is-sebgha snin prigunerija bhala piena li tista tinghata. Ghalhekk jidehr car li l-vot tal-ligi ma hux sodisfatt.

F'dan il-kaz r-rikorrenti huwa akkuzat fost akkuzi ohra bir-reat misapproprjazzjoni bl-aggravju tieghu stante li l-appellant jesercita l-professjoni ta' Nutar Pubbliku, assoccjazjoni ma trezi bil-hsieb li jikkommettu reat, falsifikazzjoni u frodi, u ghalhekk il-piena applikabbli kif preskritta fil-ligi tmur hafna oltre is-sebgha (7) snin prigunerija.

**Fid-dawl ta' dak li intqal sopra l-Qorti tiddikjara li hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga, stante li l-piena applikabbli teccedi is-sebgha snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 8 (1) ta-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti u tordna li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lil Onorevoli Minsitru tal-Gustizzja u dan bil-ghan li jiehu konjizzjoni tieghu sabeix jara jekk hemmx bzonn li jsiru xi kjarifiki fil-ligi dwar l-interpretazzjoni tas-sub-inciz 1 tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.**

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur